QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeanne Farrugia)**
**(Spettur Lara Butters)**

**Vs**

**Mark Gatt**

Illum 7 ta' Mejju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mark Gatt ta' 20 sena bin Louis u Annie nee' Bonnici imwieled Pieta' fit-30 ta' Lulju 1994 u residenti 116, 'Louisiana', Triq Kananea, Attard, detentur ta' karta tal-identita 342094M.

U nakkuzawh talli fis-26 ta' Frar, 2015, ghall-habta tal-10:00 ta' filghodu gewwa l-Univesita ta' Malta fl-Msida, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Mauro Magro f'periklu car, hebbejt ghall-istess Mauro Magro detentur tal-karta tal-identita' numru 273995M u ikkagunajtlu feriti ta' natura gravi.

U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament ksirt il-paci pubbliku u/jew l-bon ordni b'ghajjat u/jew glied.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil l-istess Mauro Magro u r-residenza tieghu kif ukoll il-postijiet li tali persuna tiffrekwenta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena tipprovdi ghas-sigurta' ta' Mauro Magro, u torbot lil hati b'obbligazzjoni taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti skont l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita il-Ligi, tordna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ta' gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

a. fl-artikoli 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-artikoli 214, 215, 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-artikoli 412C, 382A, 383, 384 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. fl-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat

L-imputat qieghed jigi akkuzat li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq Mauro Magro u li kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Mill-provi prodotti rrizulta li l-imputat Mark Gatt u l-parte civile Mauro Magro kienu ilhom hbieb snin twal sa miz-zmien meta kienu jattendu l-iskola sekondarja. Huma kienu ghazlu wkoll l-istess kors fl-Universita' ta' Malta. Fis-26 ta' Frar 2015 huma t-tnejn flimkien ma' Daniel Galea St John huma kienu, bhalma kienu jaghmlu solitament, marru l-Universita' b'karozza wahda. Dakinhar kienu marru bil-karozza tal-imputat. Marru ghall-ewwel lezzjoni li kienet tibda fid-disgha ta' filghodu. Din kienet double lesson.

Huma poggew bilqeghda hdejn xulxin fuq in-naha ta' wara. Waqt il-lezjoni l-imputat kien fuq il-laptop jara xi videos fosthom tal-boxing. F'hin minnhom waqt il-lezzjoni il-parte civile li kien hdejn Daniel Galea St John, bhala cajta, cempel lill-imputat u billi l-mowbajl ma kienx fuq *silent mode* daqqlu waqt il-lezzjoni. Dan naturalment kien diga' dejjaq lill-imputat. Ghall-habta tal-10:05am, l-ghalliem tahom brejk ta' hames minuti. Il-parte civile ried jitlaq u dar fuq l-imputat biex jitilqu. L-imputat donnu ma kienx kuntent b'dan izda refa' l-affarijiet fil-basket u hareg fil-kurutur jistenna. Mauro Magro qam u ppakkja l-affarijiet izda Daniel Galea St John urieh li ma xtaqx jitlaq. B'hekk Mauro Magro staqsieh riedx jibqa' u wara li siehbu qallu iva, Mauro Magro rega' bdielu. B'hekk halla l-basket tieghu fil-klassi, hareg fil-kuritur u mar biex ikellem lill-imputat. Daniel Galea St John mar warajhom. L-imputat bhal donnu rrabja ghaliex il-parte civile rega' bdielu u dak il-hin, l-imputat qal lil lil Magro li jekk ried li jibqghu kellu jdahhallu l-basket. Mauro Magro rrifjuta u baqghu sejrin hekk. Daniel Galea St John xehed testwalment *"U Mauro rrifjuta u baqghu sejrin hekk umbaghad Mark qallu dahhaluli ghax nixxutjak."* Huma baqghu jimpikaw ma' xulxin. Imbaghad l-imputat speci ta' taptap fuq dahar Mauro Magro, li min-naha tieghu Mauro Magro tah daqqa fuq rasu izda mhux daqstant bis-sahha. L-imputat irreagixxa billi ta daqqa ta' ponn lill-parte civile. Din id-dinamika tal-incident inghatat ukoll mill-parte civile.

Min-naha tieghu l-imputat filwaqt li qabel mal-ewwel parti tal-versjoni moghtija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, spjega li meta Mauro Magro rrifjuta li jdahhallu l-basket huwa nizel biex jaqbad il-basket u qisu qala' daqqa fuq rasu u dak il-hin irreagixxa u rritalja. Ighid li Magro kien ixxutjalu l-basket tal-laptop xi darbtejn.

Din il-Qorti tqis li l-versjoni tal-imputat m'ghandhiex mill-veru u li effettivament kien huwa li ta bidu ghal dak li gara. Dan jirrizulta mhux biss mix-xhieda tal-parte civile izda wkoll mix-xhieda ta' Daniel Galea St John li huwa xhud li kien habib kemm tal-imputat u tal-parte civile u li huwa xhud fl-istess hin indipendenti.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat l-enfazi hija fuq in-nuqqas ta' *mens rea* min-naha tal-imputat li jikkaguna danni lill-parte civile. Dwar dan il-punt:

*"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).*

Illi meta l-imputat ghazel li jaghti daqqa ta' ponn lill-imputat certament kellu l-intenzjoni li jwegga' lill-istess imputat. Tant huwa hekk li f'punt minnhom huwa indirizza lill-imputat billi qallu li kien sahansitra se jixxuttjah. Il-fatt li l-imputat seta' ma mmaginax li daqqa ta' ponn kienet se tikkaguna tant hsara ma jfissirx li ma kellux l-intenzjoni generika li jaghmel hsara. Ladarba l-imputat ghazel li jerfa' jdejh fuq l-imputat irid issa jwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li rrizultaw. Id-daqqa kienet wahda qawwija tant li l-parte civile bid-daqqa spicca jissabbat mal-hajt u dan huwa wkoll evidenti anki mill-istills u filmat.

Inkwantu ghall-griehi sofferti mill-imputat m'hemm l-ebda dubju mill-provi prodotti li huma ta' natura gravissima. L-istess Mauro Magro spjega fid-dettal dwar dak li ghadda minnu, dwar l-ugiegh u d-diffikultajiet li ghadda minnhom. Apparti l-operazzjoni, ghamel gimghatejn halqu kollu hadid, ma setax jiekol u telfitu fl-istudji. Meta xehed xhur wara l-incident qal li certu parti ta' snienu ma setax jiekol fuqhom ghaliex kien ghadu mugugh u kellu partijiet ta' wiccu, in-nervituri kien ghadu ma jhosshomx. Mr Alex Cassar[1], Konsulent fid-Dipartiment tad-Dentistrija fl-Isptar Mater Dei, spjega seba' xhur wara l-incident, li Mauro Magro kien taht il-kura tieghu u infatti operah. Xehed li Mauro Magro kellu ksur tal-*mandible*. Il-griehi gew klassifikati bhala gravi ghaliex kien hemm il-frattura u kien hemm snien involuti li dakinhar tax-xhieda ma setax jaghti pronjozi dwarhom. F'dawn il-proceduri gie nominat Mr Kevin Mullighan li kkonkluda s-segwenti:

*"In view of the nature of the injuries sustained, this is considered grievous. The sequelae of the injury sustained have been loss of vitality of the two lower incisor teeth (one likely) and it is unlikely that there will be any significant recovery of the areas of gingiva and skin currently affected by*

[1] Seduta tad-9 ta' Settembru 2015

*altered sensation. Prognosis of the lower left third molar tooth is also guarded".*

Meta xehed Mr Mullighan huwa spjega li fl-istadju li kien qieghed jixhed ma giex kwantifikat il-persentagg tad-dizabilita', izda ladarba fi zmien sena wara l-incident minhabba d-daqqa, jew minhabba l-operazzjoni biex jaghmlu l-plates biex timmobilizza l-frattura, kellu nuqqas ta' sensazzjoni fuq ix-xoffa ta' isfel u fuq il-geddum ukoll, jista' jkun li ma jkunx hemm kambjament u kwindi tibqa' permanenti.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni l-Qorti tirreferi ghas-sentenza **Il-Pulizija vs. ...omissis ...,**[2] il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li sabiex tissussisti din l-imputazzjoni:

*"Rigward t-tieni akkuza u cioe dik kontemplata fl-artikolu 338 (dd) li voluntarjament kiser il-paci pubblika, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Pio Galea deciza fis-sbatax ta' Ottubru, 1997 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn gie deciz li sabiex ikun hemm dan r-reat irid ikun hemm, bhala regola, ghemil voluntarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil jsehh, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita fizika ta' persuna kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil".*

Din il-Qorti ma tqisx li mill-provi prodotti tali imputazzjoni giet ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li hija wahda serja, il-fedina penali li hija netta u l-fatt ukoll li l-imputat bhala konsegwenza tal-akkadut gie sospiz ghal sena mill-istudji tieghu. Tqis li f'dawn ic-cirkostanzi ghandha timponi sentenza ta' prigunerija li m'ghandhiex tkun effettiva.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah, wara li rat l-artikoli 214, 215 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-

[2] Qorti tal-Appell Kriminal deciza fl-4 ta' Mejju, 2011

ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sena (1) prigunerija izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tissospendiha ghal zmien sentejn (2) millum.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati jhallas l-ammont ta' erba' mija u tnejn u sittin Euro u tnejn u sittin centezmu (€462.62) rapprezentanti hlas ta' esperti nominati.

In oltre a tenur tal-artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-hrug ta' ordni ta' trazzin fil-konfront tal-hati li permezz tieghu taghti effett ghall kull ma hemm fis-subinciz (3) tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaf-favur ta' Mauro Magro ghal zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**